Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:- 242/2013/1

**Vella Group Limited**
**(appellata)**

**vs**

**L-Awtorità għat-Trasport f' Malta**
**(appellanti)**

14 ta' Lulju, 2017

1. Permezz ta' Avviż[1] ippreżentat fit-22 ta' Awissu 2013, il-kumpannija attriċi talbet lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) tikkundanna lill-Awtorità konvenuta tħallas lill-attriċi s-somma ta' għaxart elef tlett mija u tnejn u għoxrin ewro u sebgħa u erbgħin ewro ċenteżmi (€10,322.47) bilanċ minn somma akbar ta' mija sebgħa u sebgħin elf, mija u seba' ewro u disgħa u tletin ewro ċentezmi (€177,107.39) dovuta għal xogħol ta' tqattiegħ u taħmil li sar f' Settembru tas-sena 2007 fuq inkarigu tagħha.

2. B' risposta datata 2 ta' Ottubru 2013,[2] l-Awtorita' konvenuta wieġbet illi:

> *"1. Illi preliminarjament, u skont l-Artikoli tal-Kapitolu 499 tal-Liġijiet ta' Malta, isem l-Awtorità intimata għandu jaqra "l-Awtorità għat-Trasport f'Malta" u għalhekk l-Awtorità intimata qiegħda tippreżenta din ir-risposta bħala "l-Awtorità għat-Trasport f'Malta";*
>
> *2. Illi preliminarjament ukoll, mingħajr preġudizzju għas-suespost, u skont il-klawsola numru 4.15 tal-"Period Contract for Road Works Agreement" kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa bħala "**Dok. A1**", din l-Onorabbli Qorti m' għandiex ġurisdizzjoni sabiex tisma u tiddeċieda dan il-każ stante qbiel bejn il-partijiet illi kwalunkwe vertenza relatata mal-istess ftehim għandha tiġi kunsidrata u deċiża biss miċ-Centru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta;*
>
> *3. Illi fil-mertu, u mingħajr preġudizzju ghas-suespost, l-ebda ammont m' hu dovut stante li l-istess attriċi naqqset mill-obbligi kuntrattwali tagħha kif jiġi*

[1] Fol. 1.
[2] Fol 7 et. seq.

*pruvat f' aktar dettall waqt is-smiegħ tal-kawża, u kif ser jiġi spjegat fil-qosor:*

*3.1 L-attriċi ffirmat ftehim mall-Awtorita' intimata ["Period Contract for Road Works Agreement"] skont liema hija kellha tibda u tittermina diversi xogħolijiet fuq l-"ambulance lane" ġewwa l-isptar "Mater Dei", fi Triq De Piro, Birkirkara, u fi Triq Madonna tal-Ġebla, il-Gzira u dan, fi żmien erbatax [14]-il ġimgħa minn meta ngħatat l-ordni sabiex tibda x-xogħolijiet skont ittra tat-18 ta' Settembru, 2007 [kopja tal-ftehim annessa bħala "**Dok. A1**" u tal-ittra annessa bħala "**Dok. A2**"];*

*3.2 L-attriċi naqqset f' li tirrispetta l-obbligi kuntrattwali tagħha u tlesti x-xogħolijiet minnha rikjesti fit-terminu lilha konċess u dan għal-raġunijiet unikament imputabbli lilha nkluż minħabba telf kunsiderevoli ta' żmien u xogħol magħmul mhux skont is-sengħa u l-arti illi kellu jerġa' jinqala u jinbeda f'aktar minn okkażżjoni waħda kif anke ammess mid-diriġenti tal-attriċi nfisha [ara email datat 3 ta' April, 2008 immarkata bħala "**Dok.B1**" u oħra datata 8 ta' April, 2008 u mmarkata "**Dok.B2**"];*

*3.3 B' hekk skattaw il-'penalty clauses' applikabbli fil-konfront tal-attriċi f' każ ta' dewmien u dan, wara li ġie lilha mgħarraf illi l-istess klawsoli kienu ser jiġu applikati mill-Awtorità intimata b' riżultat tan-nuqqasijiet tagħha [ara, inter alia, email datata s-7 ta' Jannar, 2008 immarkata bhala "Dok.C", email datata t-3 ta' April, 2008 inkluza mad-dokument "Dok.B1" u tlett ittri datati l-21 ta' April, 2008 immarkati bhala "Dok.D", "Dok.E", u "Dok.F"];*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fi kwalunkwe każ, l-ammonti edotti fl-avviż tal-attriċi huma eżaġerati u mhux korretti kif anké jirriżulta mill-ittra tal-Awtorita' intimata tad-9 ta' April, 2012 ["Dok.G"];*

*5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż."*

3. L-ewwel eċċezzjoni ġiet eżawrita b'korrezzjoni fl-okkju filwaqt li t-tieni eċċezzjoni ġiet irtirata waqt is-seduta tat-13 ta' Novembru 2013.[3]

4. Permezz ta' sentenza tas-27 ta' Mejju, 2015, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iddeċidiet illi miċ-ċirkostanzi kif irriżultaw mill-provi jidher li t-talba attriċi hija ġustifikata u ikkundannat lill-Awtorità konvenuta sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' għaxart elef tlett mija u tnejn u għoxrin ewro u sebgħa u erbgħin ewro ċentezmi (€10,322.47).

5. Illi minn din is-sentenza appellat l-Awtorità konvenuta in kwantu ħasset ruħha aggravata bis-sentenza tal-Prim' Istanza. L-aggravji jikkonsistu fi-

[3] Fol. 52

segwenti:

(i) safejn is-sentenza hija bbażata fuq l-argument illi "penali" huma ekwivalenti għal "danni" li kellhom jiġu ppruvati mill-Awtorita' u/jew li dwarhom l-Awtorita' kellha tiftaħ proċeduri, id-deċiżjoni għandha tiġi revokata għaliex dan l-argument tqajjem *sua sponte* mill-Qorti u ma kinitx parti mill-vertenza ta' bejn il-partijiet;

(ii) kuntrarjament għal dak li stqarret il-Qorti fis-sentenza appellata, "penali" mhumiex ekwivalenti għal "danni" u għalhekk ma kellhomx jiddependu fuq il-prova ta' xi danni sofferti mill-Awtorità. Il-penali f' dan il-każ kienu **<u>penali għad-dewmien</u>** miftiehma kuntrattwalment bħala diżinċentiv għat-tardivita' fit-twettiq tal-kuntratt. Kulma kellha turi l-Awtorità kien li kien hemm dewmien li jiġġustifika l-impozizzjoni ta' tali penali. Din il-prova nġabet;

(iii) il-Qorti kienet bir-rispett żbaljata meta kkonkludiet illi ma kienx hemm nuqqasijiet "flagranti" min-naħa tal-kuntrattur. Tressqu provi li juru b' mod ċar li kien hemm dewmien min-naħa tal-kuntrattur li jissarraf fi ksur kuntrattwali.

6. Permezz ta' risposta ppreżentata fil-25 ta' Novembru, 2016, il-kumpannija attriċi appellata wieġbet illi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) hija waħda ġusta u timmerita li tiġi konfermata u in sintesi rribattiet l-appell odjern kif ġej:

(i) l-aggravji mressqa mill-Awtorità appellanti ma huma xejn ħlief tentattiv sabiex jerġa' jinfetaħ il-mertu tal-każ mill-ġdid;

(ii) rigward l-ewwel aggravju ġie sottolineat li l-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha, mhux għab-bazi ta' determinazzjoni tan-natura tal-penali, iżda wara li, minn konsiderazzjoni tajba tal-provi, qieset illi *'ħafna mill-ilmenti tas-soċjeta' attriċi ma kienux jiġu indirizzati fi żmien qasir u ħafna mill-problemi li kellha ma kienux attribwibbli lejn xi nuqqas flagranti tagħha. Oltre' dan id-deċiżjoni arbitrarja li l-Awtorita' tnaqqas l-ammont ta' flus li hija ħallset lil terzi minħabba aċċident li allegatament seħħ mhix aċċettabbli molto piú meta tqis li s-soċjetà attriċi la kienet taf b' dan l-inċident u lanqas kienet parti mill-iskambju ta' ittri li għaddew. Dan żgur mhux aċċettabbli';*

(iii) rigward it-tieni aggravju, u ċioe' dwar in-natura tal-penali, gie

sottolineat illi l-Ewwel Qorti lanqas biss investiet ruħha minn din il-kwistjoni. Sempliċement dak li qalet il-Qorti kien illi mill-provi ma kienx jirriżultalha illi l-imposizzjoni tal-penali mill-Awtorita' ma kienx ġustifikabbli għaliex id-dewmien ma kienx attribwibbli għall-kumpannija appellata *sic et simpliciter.*

Inoltré, dwar l-allegazzjoni tal-appellanta li hemm *res judicata* favuriha peress skontha li l-appellata ma kkontestatx il-penali, issottomettiet li sabiex jitqies li jkun hemm ġudikat fuq *causa petendi*, din kellha tal-inqas tiġi dedotta fi proċeduri ġudizzjarji jew f' arbitraġġ – ħaġa li qatt ma saret qabel ma nbdew il-proċeduri odjerni fejn fihom il-kumpannija appellata talbet proprju l-ħlas ta' dak li kien dovut lilha u l-Ewwel Qorti qieset li t-talba tagħha kienet ġustifikata għaliex ma kienx hemm penali xi tħallas;

(iv) Illi t-tielet aggravju, u ċioe' għad-dewmien min-naħa tal-kuntrattur, il-kumpannija appellata wieġbet illi dan l-aggravju huwa msejjes fuq il-mertu tad-deċiżjoni appellata u mir-rikors tal-appell tal-Awtorità appellata ma rriżulta l-ebda raġuni manifestament plawsibbli u gravi għaliex din il-Qorti għandha tirrimpjazza d-diskrezzjoni adoperata mill-Ewwel Qorti dwar il-mertu tal-vertenza odjerna.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

<u>Il-Fatti.</u>

1. Il-<u>fatti</u> fil-qosor huma s-segwenti:

– wara sejħa pubblika għall-offerti, permezz ta' *letter of acceptance of tender* datata 18 ta' Settembru 2007,[4] l-Awtorità konvenuta aċċettat is-servizzi tal-kumpannija attriċi, Vella Group Limited, sabiex twettaq xogħlijiet ta' kostruzzjoni tas-segwenti toroq: (i) Triq il-Madonna tal-Ġebla, Gżira; (ii) Triq Depiro, Birkirkara; u (iii) *ambulance lane* l-Isptar Mater Dei, entro erbatax (14)-il ġimgħa mill-*order to start works*, versu l-prezz ta' Lm61,142 (c. €142,422.55);

– ir-relazzjoni bejn il-partijiet kienet regolata permezz ta' '*period contract'* li kien jikkomprendi *itemised bill* b'rati stabbiliti kif ukoll il-penali dovuti

[4] Fol. 40.

f’ każ illi l-kuntrattur idum biex iwettaq ix-xogħolijiet;[5]

– l-*order to start works* inħareġ **fis-26 ta’ Settembru 2007[6] b’ dan illi it-terminu ta’ 14-il ġimgħa sabiex jiġu ffinalizzati x-xogħlijiet kien jagħlaq fit-2 ta’ Jannar 2008**;

– ix-xogħlijiet effettivament saru fiż-żminijiet segwenti:

  (i) *Ambulance lane* l-Isptar Mater Dei – **inbeda fis-27.09.2007 u ġie tterminat fl-04.03.2008**;
  (ii) Triq Depiro, Birkirkara – **inbeda fl-10.01.2008 u ġie tterminat fil-25.02.2008**; u
  (iii) Triq il-Madonna tal-Ġebla, Gżira – **inbeda fis-06.12.2007 u ġie tterminat fis-16.05.2008**;[7]

– isegwi li x-xogħlijiet intemmu madwar **għoxrin ġimgħa wara** t-terminu miftiehem bejn il-partijiet għalkemm il-Perit tal-Awtorità appellant tgħid li l-attriċi kienet għadha qed tagħmel *remedial works* sa Lulju 2008;[8]

– da parti tal-Awtorità xehedu l-Perit Antoinette Conti u Mark Micallef,[9] *field officer* li ħejja r-rapport eżebiti a fol. 108 sa fol. 176;

– il-Perit Antoinette Conti, da parti tal-Awtorità xehedet li b’referenza għall-klawżola 4.13.1 tal-kuntratt, hija ikkalkulat il-penali għal dewmien bir-rata ta’ 1% mill-ewwel ġimgħa ta’ Jannar 2008 sa Mejju 2008 minkejja li l-attriċi kienet għada għaddejja bir-*remedial works* sa Lulju 2008. Minn dawn l-għoxrin ġimgħa *delay* hija naqqset ġimgħatejn għax-xogħilijiet tal-*Water Services Corporation*, ġimgħatejn *shut down* għalkemm ma kellhiex għalfejn tagħmel hekk, u erba’ ġimgħat oħra għall-*variations* fil-*lane* tal-ambulanza. Għalhekk ħadmet il-penali fuq tnax (12)-il ġimgħa l-ammont ta’ xogħol li kien għadu ma tlestiex bejn l-ewwel ġimgħa ta’ Jannar sa l-20 ta’ Mejju 2008, li kien jammonta għal madwar €89,000, bir-rata ta’ 1%.[10]

– mill-ammont dovut lis-soċjeta attriċi llum appellata, il-Pert Conti naqset

---

[5] Fol. 10.
[6] Fol. 107.
[7] Fol. 312 et seq.
[8] Irreferiet għad-dokumenti mmarkati ‘**Dok TM**’ a fol. 186 et seq.
[9] Fol 318.
[10] Fol. 99.

ukoll il-pagamenti li l-Awtorità kienet għamlet lil terzi li kellhom inċident fejn kienu qegħdin isiru x-xogħlijiet peress li l-kuntrattur allegatament ħalla t-trinek mingħajr *asphalt* bil-konsegwenza li '*kien hemm xi karozzi li daħlu f' dawn it-trinek u kissru l-karozza*'.[11]

– ix-xhieda Jimmy Vella,[12] direttur tas-soċjetà attriċi, Jonathan Vella,[13] *draughtsman* mas-soċjetà attriċi, u John Azzopardi[14], *foreman* mas-soċjetà attriċi, ilkoll xehedu li d-dewmien ma kienx imputabbli lis-soċjetà attriċi iżda kien dovut għal raġunijiet lil' hinn mill-kontroll tagħhom, fosthom dewmien sabiex tingħata direzzjoni mill-Awtorità appellanta, *variations*, il-maltemp, testijiet tal-ilma, kif ukoll *issues* ma terzi.

**Preliminari.**

2. Fit-tweġiba tal-appellati għall-appell, il-kumpannija attriċi tikkontendi li l-aggravji kollha mressqa mill-Awtorità appellnata ma huma xejn ħlief lamentela dwar kif l-ewwel Qorti iddiżimpenjat l-obbligu tagħha għal dak li jkkonċerna l-fatti tal-każ u għalhekk din il-Qorti hija prekluża milli tinvesti fihom.

3. Din il-Qorti tibda billi ttenni l-prinċipju assodat fil-ġurisprudenza li:

> '*Huwa paċifiku li* ***f' materja ta' dixxiplina tal-proċeduri, Qorti tat-tieni grad bħala regola ma tiddisturbax ir-regolament tal-Qorti tal-ewwel grad jekk mhux verament għal motivi gravi****, dak li fil-fehma tal-Qorti ċertament hawn m' huwiex il-każ. Dan għaliex mill-provvedimetni tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-andament tal-kawża huwa sostanzjalment, anké jekk forsi mhux assolutament, imħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Kif drabi oħra ingħad "din il-fakultà hija soġġetta għall-prinċipji ġenerali tar-raġuni prattika u l-grad ta' din il-fakultà imbgħad jiddependi mill-ġudikant, u tista' ukoll toxxilla skont il-personalità ġuridika li jipposjedi l-ġudikant" –* ***Perit Giudo Vella -vs- Dr. Emmanuel Cefai****, Appell Ċivili, 14.01.1993.*[15]

4. Inoltre, l-Ewwel Qorti tgawdi minn marġini wiesgħa ħafna fl-apprezzament tal-provi:

> *'Ġja ġie osservat diversi drabi minn din il-Qorti illi l-valutazzjoni tal-provi hi fondata fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu, dejjem, pero', prudenzjali, tal-ġudikant adit mill-mertu. Dan neċessarjament u loġikament ifisser illi l-*

[11] Fol. 100.
[12] Fol. 54.
[13] Fol. 312 et seq u 343 et seq.
[14] Fol. 310 et seq u 341.
[15] ***Korporazzjoni Telemalta v Hili Diane***, Qorti tal-Appell Inferjuri (Imħallef P. Sciberras) 15.12.2003.

*ġudikant għandu poter diskrezzjonali ampju li mir-riżultanzi probatorji huwa jqis dawk il-provi li, għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu, iqis l-aktar attendibbli u idoneji. Fl-eżerċizzju ta' dan il-proċess huwa fakoltizzat li jaċċetta x-xhieda ta' wħud u jwarrab jew jiskarta oħrajn u jqiegħed a fondament tad-deċiżjoni tiegħu fonti ta' prova ad eskluzjoni ta' oħra. Kif inhu ben konsolidat f' ġurisprudenza konkordi dik il-valutazzjoni tal-ġudikant ta' l-ewwel grad hi nsindakabbli minn Qorti ta' reviżjoni jekk tirriżulta loġika u koerenti ma' l-elementi tal-provi utilizzati, u kif ulterjorment sostenuta minn motivazzjoni adegwata li tikkonsenti l-kontroll tal-kriterju logiku segwit.'*[16]

5. Isegwi għalhekk li fl-eżerċizzju deliberattiv, l-Ewwel Qorti kellha l-fakoltà li taċċetta x-xhieda ta' wħud u twarrab jew jiskarta oħrajn u tqiegħed a fondament tad-deċiżjoni tagħha fonti ta' prova ad eskluzjoni ta' oħra.

6. Madanakollu, l-ġurisprudenza tipprovdi ukoll illi:

*'... bħal fil-każ ta' kull regola oħra jeħtieġ li jiġu senjati l-veri limiti tal-prinċipju. Hekk jinsab ukoll sew affermat illi meta din il-Qorti tkun konvinta li tkun ser tiġi kaġonata inġustizzja manifesta, hi għandha, b' dover, l-obbligu li tissindika dak l-apprezzament u anké tasal għal konkluzjoni diversa minn dik li tkun waslet għaliha l-qorti ta' l-ewwel grad. Jokkorri għalhekk li jiġu ri-eżaminati l-fatti provati biex minnhom tara jekk jeżistux "raġunijiet gravi li jwassluha għall-konvinċiment illi dik il-Qorti ma setgħetx ma kienetx żbaljata fl-apprezzament tagħha. Raġunijiet li jwassluha għall-konvinzjoni illi jekk ma tissostitwix l-apprezzament tagħha ta' dawk il-provi għal dawk ta' l-ewwel Qorti tkun ser tiġi krejata inġustizzja manifesta" - "**Joseph Walker nomine -vs- Raymond Pizzuto**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999 u "**Emily Stivala et -vs- George Pace**", Appell mill-Bord, 6 ta' Ottubru 2000*[17]

7. Dan ifisser illi:

*'... fejn, wara ri-kunsiderazzjoni tal-atti kollha proċesswali, jitnissel fiha l-konvinċiment illi l-provi prodotti __**ma kinux u ma setgħux iwasslu għall-konkluzjoni raġġunta**__, il-Qorti ta' reviżjoni kienet fid-dmir li tiddelibera s-sentenza u anké tqegħda in disparte*[18]

8. F'dan l-isfond il-Qorti sejra tikkunsidra l-aggravji tal-Awtorità appellanti u tevalwa jekk a bażi tal-provi prodotti l-Ewwel Qorti setgħatx tasal għall-konklużjoni raġġunta minnha.

## __L-Ewwel Aggravju.__

7. Permezz tal-ewwel aggravju l-Awtorità tilmenta illi l-ewwel qorti ma kellhiex, *di sua sponte*, tibbażа l-konklużjonijiet tagħha parzjalment abbażi

[16] ***Abdilla John Et Vs Water Services Corporation***, Qorti tal-Appell (Inferjuri), 14.12.2006
[17] ***Pirotta Rita vs Carbonaro Simon***, Qorti tal-Appell Inferjuri (Imħallef P. Sciberras) 17.11.2004
[18] ***Chircop Stephen vs Caruana Mary Grace,*** Qorti tal-Appell Inferjuri (Imħallef P. Sciberras) 28.04.2004

tal-argument illi '*penali*' huma sinonimi ma' '*danni*' u għalhekk l-Awtorità konvenuta kellha ġġib provi dwarhom. Hija tikkontendi li l-imposizzjoni tal-penali tinsorġi minn klawżola speċifika fil-kuntratt li ma kienx hemm kontestazzjoni dwarha. Il-vertenza kienet iżda jekk il-penali kienux ġustifikati *o meno* fiċ-ċirkostanzi. L-appellanta tissottometti li anké għal din ir-raġuni biss, safejn ibbażata fuq dan l-argument, is-sentenza appellata għandha tiġi revokata għaliex ma tirriflettix l-*litis contestatio* bejn il-partijiet.

8. Il-ġurisprudenza tgħallem illi:-

> *'Huwa prinċipju magħruf illi fl-għoti ta' sentenza l-imħallef ċivili għandu joqgħod rigorożament fil-limiti tal-kontestazzjoni (Kollez. Vol. XLIX P I p 406). Fuq kollox huwa għandu joqgħod strettament għat-termini tal-kawżali u tat-talba kif miġjuba fiċ-ċitazzjoni (Kollez. Vol. XXXIV P I p 85). Is-sentenza għalhekk kellha tirrispekkja dik it-talba konsiderata fid-dawl tal-provi prodotti u tal-prinċipji tad-dritt applikabbli għalihom u tenut kont ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut. Kif ritenut, ma huwiex leċitu li l-kawża tiġi maqtugħa fuq kawżali differenti minn dik espressa fiċ-ċitazzjoni (Kollez. Vol. XLVIII P II p 777)'*[19]
>
> *'jinkorri f' vizzju ta' ultra petizzjoni dak il-ġudikant li jippronunzja ruħu oltré l-limiti tal-pretensjonijiet jew ta' l-eċċezzjonijiet imressqa mill-partijiet, ossija fuq materja estraneja għall-oġġett tal-ġudizzju, li ma jkunx ukoll rilevabbli ex officio. Wisq ragonevolment, dan ma jfisserx illi l-ġudikant hu b'xi mod ristrett milli jindividwa n-natura eżatta ta' l-azzjoni jew li jqiegħed għab-bażi tal-pronunċjament tiegħu konsiderazzjonijiet ta' dritt diversi minn dawk prospettati mill-partijiet, u anke mill-inizzjattiva tagħhom, għax tali fakulta taqa' fl-attribuzzjonijiet tiegħu. Jingħad, di fatti, fost it-tagħlim tal-**Mattirolo** illi "non pecca di ultra petita la sentenza la quale accogliendo la conclusione di una delle parti aggiunge a sostegno di essa dei motivi in diritto che non furono fatti valere dalla parte medesima, o dei motivi in fatto che emergono dagli atti della causa". ("**Marchese Riccardo Cassar Desain nomine -vs- Giovanni Spiteri**", Appell Civili, 25 ta' Novembru, 1927). Naturalment, dan salv dejjem li l-ġudikant jibqa' fl-argini ta' dak lilu domandat jew eċċepit'*[20]

9. Isegwi għalhekk li għalkemm Qorti tal-Prim' Istanza hija marbuta tevalwa l-provi prodotti fid-dawl tat-talbiet attriċi u t-tweġiba tal-konvenut, dan bl-ebda mod ma jfisser li qorti għandha tinjora prinċipji legali minnha meqjusa applikabbli sempliċement għaliex ma tqajjmux mill-partijiet kif pretiż mill-appellanta.

10. Inoltré, b' referenza għall-artikoli 171 u 213 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-ġurisprudenza tgħallem ukoll li Qorti Inferjuri mhijiex marbuta strettament bil-kawżali:

---

[19] ***Grobett Holdings Limited v Abela Steve***, Qorti tal-Appell (Inferjuri), 10 ta' Ottubru 2005.
[20] ***Melita Cable plc v Awtotirà Ta' Malta Dwar il-Komunikazzjoni***, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 13 ta' Frar 2009.

*'fl-eżami tas-sussistenza, o meno, tal-vizzju ta' extra petizzjoni wieħed ma jridx joqgħod unikament għall-kontenut ta' l-att introduttiv iżda għandu wkoll jippresta attenzjoni lill-mezzi istruttorji offerti u, ukoll, kull preċiżazzjoni fformulata fil-kors tal-proċediment. Dan, dejjem, fil-każ ta' proċedimenti quddiem Qorti Inferjuri għaliex fil-każ ta' proċedimenti fil-Qorti Superjuri, il-Qorti ma tistax tiddeċiedi lanqas fuq kawżali diversi għax inkella dik id-deċiżjoni titqies extra petita.* [21]

11. Fil-każ odjern, ma jistax jingħad li dik il-parti tad-deċiżjoni appellata permezz ta' dan l-aggravju ma kellhiex rabta mal-kontenut sostanzjali tal-impunjattiva jew li d-deċiżjoni kienet ibbażata fuq jedd ieħor li ma jiffigurax fit-talbiet kif imfissra fl-Avviż promutur. Dak li għamlet l-Ewwel Qorti kien sempliċement li oltre l-argumenti mressqa mill-partijiet, għamlet ukoll konsiderazzjonijiet ta' dritt diversi minn dawk prospettati mill-partijiet.

12. Applikati l-prinċipji surriferiti, tali fakolta taqa' fl-attribuzzjonijiet tal-ġudikant b'dan illi dan l-aggravju qiegħed jiġi skartat inkwantu ġuridikament inattendibbli.

**<u>It-Tieni Aggravju.</u>**

13. Permezz tat-tieni aggravju l-Awtorita' tilmenta li f' kull każ ma taqbilx mar-raġunament tal-Ewwel Qorti dwar in-natura tal-penali. B'referenza għall-artikolu 1120, 1121 u 1122 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkontendi li l-penali huma għad-dewmien biss[22] u m'għandhomx x' jaqsmu ma' penali għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-obligazzjoni prinċipali.[23] Tali penali jiġu mposti mhux bħala danni ekonomiċi iżda bħala diżinċentiv sabiex fi proġetti simili kuntratturi ma jkaxkrux saqajhom biex jikkompletaw ix-xogħlijiet, b' konsegwenza għaċ-ċittadini u għan-negozji. Inoltre, skont il-ġurisprudenza ċitata u tal-liġijiet applikabbli, penali għad-dewmien huma maħsuba biex jiskattaw mingħajr tnaqqis u mingaħjar obbligu li jiġu pruvati danni. Hija biss meħtieġa prova ta' dewmien.

14. Il-punt ta' tluq tal-Ewwel Qorti kien jekk hux minnu li s-soċjetà attriċi naqset mill-obbligi kuntrattwali tagħha inkwantu l-Awtorità ma tikkontestax il-pendenża tal-bilanc innifsu iżda qegħda ssostni li l-bilanċ ma tħallasx għaliex skattaw il-penali għal dewmien, liema eventwalita' tissemma fil-*Period Contract for Road Works Agreement*.

---

[21] ***Emanuel u Rosina konjuġi Cauchi vs Michael Żammit għan-nom ta' Michael Żammit Holdings Limited***, Qort tal-Appell (Inferjuri), 15 ta' Lulju 2009.
[22] Klawżola 4.13.1 fuq in-naħa ta' wara ta' fol. 16.
[23] Klawżola 4.13.2 fuq in-naħa ta' wara ta' fol. 16.

15. L-Ewwel Qorti għalhekk eżaminat l-allegat nuqqas tas-soċjetà attriċi u għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

- L-Awtorità ma eżebietx *breakdown* ta' kif waslet għall-penali allegatament dovuta mis-soċjetà attriċi;

- Ix-xhud prinċipali tal-Awtorità konvenuta, il-Perit Antoinette Conti, ikkonfermat li l-kumpannija attriċi kienet tinforma lill-Awtorità konvenuta bid-dewmien;

- Minkejja li l-Perit Antoinette Conti tgħid li kull meta ġiet mitluba tagħti informazzjoni lill-kumpannija attriċi hija kienet twieġeb minnufih, dan ma kienx dejjem minnu;

- L-attriċi jidher li għandha raġun li hija ma setatx tkompli x-xogħol fl-*ambulance lane* ta' Mater Dei għaliex kienet qegħda tistenna l-livelli;

- Ma tressqet l-ebda prova dwar il-valur tax-xogħol li kien għadu ma tlestiex f'Jannar 2008 li fuqu nħadmet il-penali bir-rata ta' wieħed fil-mija (1%);

- Ma qablitx mal-argument tal-Perit li m' għanda ssir l-ebda deduzzjoni għal dewmien minħabba maltemp peress li x-xita niżlet wara Jannar meta x-xogħlijiet skont il-kuntratt kellhom ikunu lesti. Dan għaliex l-Perit stess ammettiet li kien hemm xi *delays* li kienu ġustifikati u għalhekk dak il-perjodu kellu jittieħed in konsiderazzjoni fil-kalkolu tal-maltemp ukoll. Inoltré, hija ma kinitx tkun *onsite* kuljum u straħet fuq ir-rapport tal-*field officer*. Minn eżami tar-rapporti eżebiti in atti, l-Ewwel Qorti ma rriżultalhiex liema kienu l-ġranet fejn kien hemm maltemp u prova mill-uffiċċju meterjoloġiku ma nġabitx;

- Dwar l-inċident awtomobilistiku li għamlet tajjeb għalih l-Awtorità konvenuta fl-ammont ta' €2,985.65, liema ammont ġie mnaqqas mill-bilanċ dovut lill-attriċi, l-ebda dettalji ma ġew pruvati u ma setatx toqgħod biss fuq it-twemmin tal-Awtorità intimata li ħasbet li l-persuni li kissru l-vettura tagħhom kellhom raġun ifittxu għal-ħsara li sofrew;

- Minkejja li l-Perit qalet li kien ikun hemm rappreżentant tal-Awtorita' *on site* b'mod regolari, min kienet din il-persuna u x' istruzzjonijiet kienet tagħti ma jirriżultawx mill-provi;

- Kien hemm ukoll kwistjoni dwar siġra tal-ħarruba f'parti mit-triq li ma kinitx għadhaa ffurmata;

- Minkejja li l-Perit Conti tgħid li kien hemm drabi meta x-xogħol li għamlet is-soċjetà attriċi kien ħażin u kellu jinqala' u jsir mill-ġdid, ma tressqu l-ebda provi dokumentarji dwar dan u għalhekk il-Qorti ma setatx taċċetta tali affermazzjoni;

- Huwa minnu li kienu għaddejjin taħdidiet mal-FOI fuq tibdil fil-prezz tat-*tarmac* u għalhekk is-soċjetà attriċi ma setatx tkompli taħdem bla ma taf jekk hiex ser titħallas tax-xogħol li kienet qed tagħmel skont ir-rati l-ġodda, kwisjtoni li l-Awtorità kienet infurmata dwarha.

16. Il-konsiderazzjonijiet surriferiti wasslu lill-Ewwel Qorti sabiex tikkonkludi li:

*'Illi għalhekk żgur li jirriżulta li effettivament dan id-dewmien li kien hemm fix-xogħol li għamlet is-soċjetà attriċi ma kienx wieħed kappriċuż iżda ħafna minnhom għalkemm mhux kollha huma bażati fuq premessi li huma leġittimi fiċ-ċirkostanzi.'*

17. L-ewwel qorti qalet ukoll illi:

*'Fil-fehma tal-Qorti wara li eżaminat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-iskambju ta' diversi korrispondenza issib li ħafna mill-ilmenti tas-soċjetà attriċi ma kinux jiġu indirizzati fi żmien qasir u ħafna mill-problemi li kellha ma kinux attribwibbli lejn xi nuqqas flagranti tagħha. Oltré dan id-deċiżjoni arbitrarja li l-Awtorita tnaqqas l-ammont ta' flus li hija ħallset lil terzi minħabba aċċident li allegatament seħħ mhix aċċetabbli molto piu meta tqis li s-soċjeta' attriċi la kienet taf b'dan l-inċident u lanqas kienet parti mill-iskambju ta' ittri li għaddew. Dan żgur li mhux aċċettabli.'*

18. Fl-aħħar żewġ paragrafi tad-deċiżjoni appellata hija mbagħad irrilevat illi:

*'Għandu jiġi sottolineat illi la darba d-danni huma kontrattwali, l-iskop tagħhom irid ikun dak li jagħmlu tajjeb għall-ħsara li l-parti kontraenti mġarrba turi li bagħtiet minħabba l-ksur kontrattwali tal-parti l-oħra, u m`għandhomx ikunu għodda ta` kastig jew penali kontra dik il-parti inadempjenti u lanqas okkazjoni għall-parti konċernata li tarrikkixxi ruħha bi ħsara tal-parti inadempjenti ["**Calleja noe vs Mamo pro et noe**" – Appell Kummerċjali – 15 ta` Diċembru 1952 - Kollez. Vol. XXXIV.I.367]. Inoltré l-parti danneġġjata għandha d-dmir li tieħu l-passi meħtieġa biex tnaqqas kemm jista` jkun dak id-dannu jew tal-anqas ma tagħmlux agħar ["**Xuereb vs Livick**" – Appell Inferjuri – 3 ta` Novembru 1956 - Kollez. Vol. XL.I.63].*

*Issa fil-każ in desamina jidher li l-Awtorità ma ntavolat l-ebda kawża fejn allegat li hija soffriet xi danni u lanqas stqarret li sofriet xi danni fir-risposta li l-Awtorita intimata ppresentat għat-talba tar-rikorrenti qabel ma għamlet din it-talba għal penali.'*

19. Meqjusa l-ġurisprudenza in materia, din il-Qorti, tagħraf illi l-penali għal dewmien huma maħsuba biex jiskattaw mingħajr il-ħtieġa li jiġu ppruvati li min hu intitolat għalihom, sofra xi danni:

*'Il-konvenut, fi stadju ta' appell, issottometta li skond il-liġi (Artikolu 1120 tal-Kodiċi Ċivili) il-penali hija kumpens tal-ħsara li jbati l-kreditur minħabba n-nuqqas tal-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni prinċipali, iżda f'dan il-każ is-soċjetà attriċi ma wrietx li sofriet xi "ħsara" minħabba n-nuqqas tiegħu. Din, peró, mhix sottomissjoni valida. Kif osservat il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **Farrugia v. Rizzo noe.**, deċiża fis-17 ta' Marzu, 2004, "Kif ulterjorment spjegat bl-akkoljiment tat-tagħlim tal-Giorgi ("Obligazzjoni", Vol. IV pagni 566-67, para. 452) **"La clausola penale se non libera il creditore dalla prova della colpa, lo libera, peraltro, dalla prova del danno e costituisce, pertanto, una presunzione 'juris et de jure' che un danno ci sia ed in quella misura che e` stata pattuita …"**. (Kollez. Vol.XXVI PII p 72)."';*[24]

*'In linea ġenerali, il-ftehim li jistabilixxi l-ħlas ta` penali għan-nuqqas ta` twettieq f`waqtha ta` obbligazzjoni li tintrabat biha waħda mill-partijiet jiddependi fuq is-siwi tal-ftehim ewlieni. (Art 1119 (1) tal-Kap 16). **Il-klawsola penali hija għamla ta` danni pre-likwidati li biha l-kreditur tal-obbligazzjoni jeħles mill-obbligu li jipprova li ġarrab ħsara, għaliex jistrieħ biss fuq il-fatt li d-debitur tal-obbligazzjoni ma jkunx wettaq fil-ħin dak li mal-parti l-oħra jkun intrabat li jagħmel.** (ara : **Torrente - Manuale di Diritto Privato par. 300 pa 490-1 u Art. 1120 tal-Kap 16).**'*[25]

20. Madanakollu, dan ma jwassalx għar-revoka tas-sentenza. Kif tajjeb issottomettew il-partijiet, skont il-liġi u l-ġurisprudenza l-penali jiskattaw biss meta debitur jsir **ħati ta' dewmien**. Fil-każ in eżami, gialadarba l-ewwel qorti sabet li l-kumpannija attriċi ma kinitx responsabbli għad-dewmien, isegwi li ma kien hemm penali x'jitħallsu. Id-distinzjoni li qed tipprova tagħmel l-attriċi permezz ta' dan l-aggravju tissarraf biss f'eżerċizzju akkademiku.

**<u>It-Tielet Aggravju.</u>**

21. Dan l-aggravju jitratta d-dewmien sabiex jitlesta x-xogħol. L-appellanti tilmenta li l-ewwel qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li *'ma kien hemm ebda ksur flagranti'* mill-kuntrattur għal dak li jirrigwarda ż-żmien li ħa biex ilesti x-xogħol.

22. Fl-aggravju tagħha l-Awtorità appellanta ttenni l-argumenti mressqa minnha fil-prim' istanza u tilmenta illi, *`huwa diffiċli wieħed jifhem kif il-Qorti*

---

[24] ***Avukat Dr Luigi Sansone nomine v Nicola Romano***, Qorti tal-Appell (Sede Superjuri), deċiża fit-30 ta' Ottubru 2009.

[25] ***St. Michael`s Foundation for Education kontra V. Attard (Works) Limited [C-33136]***, Qorti Ċivili, Prim' Awla, 7 ta' Marzu 2013

*"ħafret" il-penali kollha imposti fuq il-kuntrattur meta huwa ċar li kien hemm nuqqasijiet min-naħa tiegħu'.*

23. Wara li l-qorti qrat l-atti, tosserva:

i. Mhemmx dubju li kien hemm dewmien min-naħa tal-attriċi sabiex tlesti x-xogħol. Ix-xogħol kellu jibda fis-26 ta' Settembru, 2007 u jispiċċa f'perjodu ta' erbatax-il ġimgħa. Dan ifisser li x-xogħol kien kollu lest sat-2 ta' Jannar, 2008.

ii. Mir-rapporti li kien jagħmel Mark Micallef minn żmien għal żmien (ara fol. 108 et seq), jirriżulta per eżempju li **fit-22 ta' Jannar, 2008** ix-xogħol fi Triq il-Madonna tal-Ġebla kien lesta ħlief għat-tarmac (fol. 151). Madankollu t-tarmac sar **fis-16 ta' Mejju, 2008**.[26] Mit-22 ta' Jannar, 2008 hemm diversi rapporti dwar din it-triq fejn Martin Micallef kiteb li ***'kollox lest biex issir it-tarmac'***.

iii. Dwar din it-triq, Jonathan Vella (impjegat tas-soċjeta attriċi) xehed u spjega dwar id-diffikultajiet li ltaqgħu magħhom. Pero' fl-ebda parti tal-affidavit ma spjega x'kienet ir-raġuni li damu dawk ix-xhur kollha qabel tpoġġa t-tarmac. Fil-fatt f'ittra datata 21 ta' April, 2008[27] il-perit Conti kitbet: *"Kindly note that asphalt works at the road in caption have not been completed from your end. As advised in previous mail penalties for delays are being held on this contract. Even though you had indicated various dates when this asphalt had to be laid, this has not happened. Thus, ADT is demanding that these works are teminated by the end of this week (Saturday 26th) or else it will be deemed that you have abandoned this contract"*.

iv. Mill-provi ma jirriżultax li l-ftehim kien fis-sens li l-attriċi kellha l-ewwel tlesti triq, imbagħad tagħmel it-tieni waħda u wara t-tielet waħda.

v. F'ittra datata 23 ta' Frar, 2011[28], id-direttur tas-soċjeta attriċi ta r-raġunijiet għalfejn ix-xogħol ma tlestiex fiż-żmien. Fiha ssemma li, *"The most delay encountered was however the bad weather conditions. Vella Group Ltd did its utmost to execute the proposed road works and additional works in the time duration as requested by Trasport Malta however weather conditions are beyond everyone's control. Attached please find records from Balzan Weather station consisting (of) the number of rainy days"*. L-attriċi ppreżentat tagħrif dwar il-ġranet li fihom niżlet ix-xita, li ma jidhirx li ġiet kontestata mill-konvenuta. Minn Marzu sa Mejju 2008 kien hemm b'kollox **ħmistax-il ġurnata** (Marzu tmint ijiem,

---

[26] Jirriżulta wkoll li b'email datata 16 ta' Mejju, 2008 l-attriċi nfurmat lill-perit Conti li dakinhar kien ser jingħata t-tarmac fi Triq Madonna tal-Ġebla.
[27] Fol. 44.
[28] Fol. 86.

April erbat ijiem u Mejju tlett ijiem).[29]

vi. Jirriżulta li f'Mater Dei sar xogħol ħażin tant li kellu jinqala' parti minnu (ara email datata 3 ta' April, 2008). Dwar dan hemm korrispondenza. Għalhekk il-qorti ma taqbilx mal-ewwel qorti li ma tressqux provi li sar xogħol ħażin.

vii. **Hu fatt li l-oneru tal-prova kien fuq l-attriċi, fis-sens li kellha tressaq provi sodisfaċenti li kien hemm raġuni valida għalfejn ix-xogħol ma tlestiex fiż-żmien (sal-ewwel ġimgħa ta' Jannar, 2008). F'dan ir-rigward l-Awtorita' kellha tipprova biss li kien id-*delay* min-naħa tal-kuntrattur. Prova li tirriżulta inekwivokabilment. Fejn imbagħad il-kuntrattur iressaq provi biex jiġġustifika d-dewmien, l-Awtorita kellha tirribatti bi provi biex turi li ma kienx hemm ġustifikazzjoni fid-dewmien.**

viii. F'email datata 3 ta' April, 2008[30] il-perit Conti lmentat mal-attriċi li x-xogħol fi Triq il-Madonna tal-Ġebla kien għadu ma tlestiex. Kompliet, *"It is evident that there is no reason whatsoever for these works to be kept on hold the way they are"*. Fi tweġiba li l-attriċi bagħtet dakinhar stess ma ssemmiex ix-xogħol fl-imsemmija triq. Pero' saret riferenza ghal fax datata 14 ta' Frar 2008 *"regarding the rise in tarmac"*. Dan żgur ma jsitax jitqies bħala ġustifikazzjoni għalfejn għaddew ix-xhur qabel ingħata t-tarmac f'din it-triq. Il-qorti ma taqbilx li dik kienet raġuni valida għas-sospensjoni tax-xogħol. F'dan ir-rigward l-attriċi m'għamlitx riferenza għal xi klawżola fil-kuntratt li kien jatiha d-dritt li f'dawk iċ-ċirkostanzi tissospendi x-xogħol. Lanqas ma jirriżulta li seħħ ftehim bejn il-partijiet li sakemm tittieħed deċiżjoni fir-rigward tal-prezz tat-tarmac, it-toroq ma jingħatawx tarmac. Tant hu hekk li f'email datata 3 ta' April 2008[31], Jonathan Vella kiteb: *"Triq Madonna tal-Ġebla, Gzira, għadha ma ingħatatx it-tarmac peress li Vella Group Ltd kienet qed tistenna risposta fuq din ir-rata li għadha mhix deċiża. Għaldaqstant, ix-xogħlijiet ser jitkomplew nhar il-Ħamis li ġejjin jekk it-temp jippermetti"*. Madankollu t-tarmac sar fis-16 ta' Mejju, 2008, kif jirriżulta mill-email li Jonathan Vella bagħat lill-perit Conti fid-19 ta' Mejju, 2008. L-għada fil-post mar Mark Micallef li vverifika u kkonferma li x-xogħol kien tlesta.

ix. Il-perit Conti spjegat li kien hemm *delay* ta' għoxrin (20) ġimgħa, iżda għal finijiet ta' penali ttieħdu in konsiderazzjoni tnax-il ġimgħa biss[32]. Jekk wieħed jirreferi għall-kalendarju tas-sena 2008 kien hemm dsatax-il ġimgħa ta' dewmien iktar. Minnhom l-Awtorita ma ppretenditx penali ghal tnax-il ġimgħa, u dan għal raġunijiet li spjegat il-perit Conti. Għalhekk

[29] Fol. 87.
[30] Fol. 249.
[31] Fol. 288.
[32] Fol. 99.

hemm seba' ġimgħat ta' dewmien li jirreferu għall-perjodu mill-aħħar ta' Marzu 2008 sas-16 ta' Mejju, 2008. Perjodu li matulu l-attriċi ma ressqet l-ebda ġustifikazzjoni għad-dewmien ħlief għal dawk il-ġranet meta kienet ix-xita.

x. Mill-ammont dovut lill-attriċi, il-konvenuta ma kellhiex jedd li taqbad u tnaqqas somma li qalet li ħallset lil terzi għall-ħsara li allegatament sofrew f'vetturi. F'dan ir-rigward lanqas ma ngħatat eċċezzjoni. Jekk il-konvenuta għamlet tajjeb għal xi danni li sofra ħaddieħor u li jirriżulta li l-attriċi kienet qegħda tikkontesta, l-Awtorita' semmai kellha tiġi surrogata fid-drittijiet tat-terz u mbagħad tħarrek lill-kuntrattur u mhux taqbad u tnaqqas l-ammont minn dak li kien dovut lill-kuntrattur.

24. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti hi tal-fehma li kien hemm provi ċari li l-attriċi kienet in *delay* u ma tatx raġunijiet li jiġġustifika dak id-dewmien għall-perjodu ta' sebgħa ġimgħat, ħlief għal ftit ġranet meta għamlet ix-xita.

25. Għal dak li jikkonċerna l-penali li kienet dovuta mis-soċjeta attriċi, il-qorti tinnota li fil-*Period Contract For Road Works* fi klawżola:

(a) **4.13.1** jingħad: *"If the works are not completed within the specified period, the Contractor shall be liable to a penalty calculated on a per calendar week basis of* ***1% of the value of that part of the contract not completed****. This delay penalty shall be Lm30 per day for each day of delay".*

(b) **14 (1)(a)** jingħad: *"..... failure to deliver the Goods and/or perform the Work within the Contract Term shall in addition to any liabilities incurred by the Contractor under these Conditions and/or the Contract render the Contractor liable by way of penalty to* ***a deduction from the Contract Sum of 1% per week unless the Authority****, .....".*

26. Hu għalhekk evidenti li l-kuntratt fih żewġ klawżoli differenti dwar kif għandhom jigu kalkolati l-penali għad-dewmien. Klawżola 4.13.1 fiha żewġ tipi ta' penali differenti. L-Awtorita appellanti ma tat l-ebda spjegazzjoni għalfejn hemm dawn iż-żewġ klawżoli u liema waħda għandha tapplika. Il-perit Conti spjegat li l-kalkolu sar fuq perċentwali wieħed fuq is-somma ta' *"xi €89,000"* wara li ***"... ħadt in consideration l-value tal-flus dovuti mill-ewwel ġimgħa ta' Jannar sa 20 ta' Mejju 2008****, jiġifieri l-kalkoli tal-one per cent saret fuq xi €89,000".* Pero' l-ebda waħda mill-imsemmija klawżoli ma tipprovdi għal dak il-metodu ta' kalkolu ta' penali. Dan apparti li semmai l-kalkolu ma kellux isir fuq valur tal-ewwel ġimgħa ta' Jannar peress li x-xhud stess qalet li naqset tnax-il ġimgħa minn perjodu ta' għoxrin ġimgħa. Għalhekk il-penali kif kalkolati mix-xhud ma kellhomx jinkludu valuri għax-xhur ta' Jannar u Frar 2008. Dak dikjarat mill-perit Conti fis-seduta tat-12 ta'

Frar, 2014[33] fir-rigward tas-somma li fuqha kkalkolat il-penali, mingħajr ebda spjegazzjoni u dokumenti li jikkoraboraw dak li ddikjarat, mhuwiex biżżejjed bħala prova.

27. Għal dak li jirrigwarda l-penali dovuta, il-prova kellha ssir mill-konvenuta. L-ewwel qorti kellha raġun meta qalet li l-appellanti ma ppreżentatx *"…. breakdown ta kif waslet għall-penali dovut mis-soċjeta attriċi u għalhekk din il-Qorti ma tistax tekwilibra jekk l-ammont mitlub mis-soċjeta attriċi jekwivalix għal dak li qed tippretendi l-awtorita' intimata"*. Lanqas mhu l-każ li din il-qorti tagħmel xi eżercizzju ta' likwidazzjoni penali, ġialadarba ma saret l-ebda rikonvenzjoni f'dan is-sens.

**Għal dawn il-motivi filwaqt li għar-raġunijiet li ngħataw ma taqbilx ma' dak kollu li qalet l-ewwel qorti, tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-Awtorita' appellanti.**

Anthony Ellul.

[33] Fol. 99.